MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI ISTRUTTORJA

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2007

Numru. 294/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Cassar)**

**Vs**

**Giovanni Spiteri ta' 24 sena, bin Lawrence u Abigail nee' Hunt, inwieled Pieta' fit-3 ta' Frar 1983 u joqghod fl-indirizz numru 9, Fuq il-Verdala, Cospicua, detentur tal-karta ta' l-identita numru 99583(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Giovanni Spiteri li permezz taghha huwa gie akkuzat talli f'Labour Road, Haz Zabbar nhar it-23 ta' Marzu 2004 ghal habta ta' xil-hamsa ta' fil-ghaxija:

1. Ikkometta serq ta' car stereo tad-ditta Scott mill-vettura Peugeot 106 bin-numru ta' registrazzjoni BBG-873

ghad-dannu ta’ Antonia Brignone minn Bormla, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin, bil-lok, kif ukoll bix-xorta tal-haga misruqa;
2. U aktar talli xjentement laqa’ ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, jew xjentement, b’kull mod li jkun, indahal sabiex ibieghom jew imexxiehom;
3. U aktar talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli ghad-dannu ta’ l-imsemmija Antonia Brigone, liema ammont ta’ hsara ma jiskorrix il-hames mitt lira Maltin imma huwa izjed minn hamsin lira.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex dana il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet li l-imputat ma ghandux oggezzjoni illi il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta’ dan il-procediment.

Semghet illi l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu u dana anke wara illi l-Qorti tatu zmien sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu.

Ikkunsidrat,

Illi fid-dawl ta’ l-ammissjoni maghmula mill-imputat f’dana l-istadju bikri tal-proceduri, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi migjuba kontra tieghu. Illi dwar piena il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni is-segwenti fatti. Illi mill-istqarrija mehuda lill-imputat mill-pulziija esebita bhala Dokument GS4, irrizulta illi l–imputat ikkollabora bi shih mal-pulizija. Jidher illi r-refurtiva giet mghoddija lil sidha dak il-hin stess illi giet misruqa u li l-imputat iddispjacih ghall-akkadut. Jidher illi l-imputat kellu l-imghoddi tieghu marbut mal-vizzju tad-droga u li anke dana ir-reat kien sehh x’aktarx minhabba il-vizzju li kien jinstab fih. Mill-istqarrija li ittiehdet mill-pulizija tlett snin wara li sehh ir-reat in kwistjoni jidher illi illum l-imputat hareg minn dana il-vizzju u irriforma hajtu tant illi illum

ghandu impieg u qieghed jahseb biex jibda jibni familja mas-siehba tieghu. Il-Qorti ghalhekk sejra tiehu in konsiderazzjoni dawn il-fatti meta tigi biex tinfliggi piena fuq l-imputat ghaliex it-trapass taz-zmien f'dana il-kaz sakemm ittiehdu il-proceduri kriminali fil-konfront tieghu serva ta' gid ghall-istess imputat.

Il-Qorti, ghaldaqstant qieghda taqta' u tiddeciedi billi fuq ammissjoni ta'l-imputat u wara li rat l-artikoli 263, 267, 271, 278, 325(1b) u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat Giocanni Spiteri hati ta' l-akkuzi kif dedotti u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, wara li rat l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qieghda tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni illi huwa ma jikkomettiex reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bil-konsegwenzi skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dana il-perjodu ta' liberazzjoni taht kundizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------